# 11. Lill-Elettriċità

Ja Elettriċita'! ja ruħ moħbija
fil-vini tal-ħolqien! inti fuq l-għolja
t'Olimpu ma twelidx f'ħoġor xi waħda
mid-disa' Mużi;

iżda bħad-dawl tax-xemx u daqs il-ħdura
tal-boskijiet u daqs il-mewġa mqanqla
tal-baħar u tal-wied ġo ruħek għandek
il-poeżija!

Ja Elettriċita'! inti bħal spirtu
tinħass u ma tidhirx; il-moħba tiegħek
fis-sħab, fl-ilma tax-xmajjar u fil-baħħar
u kullimkien

Il-qawwa tiegħek triegħed l-art u s-sema,
u tbeżża' sal-iljun moħbi fil-għar,
meta qalb rgħad u beraq l-ajru ċċarrat
b'sajjetta kbira.

Ja Elettriċita'! int daqs it-tigra
kiefra u qalila; min jażżarda jmissek
tregħdu minn rasu sa saqajh u toqtlu,
tnixxfu, taħarqu.

Iżda bħall-barri taf timmansa ruħek
u taħdem sfiq lis-sid, taħratlu r-raba',
iġġorr l-għelejjel u ddawwarlu r-roti
tal-magni tiegħu.

U biex tkun taf kemm tiswa l-ħidma tiegħek
ħares fuq xi belt kbira filgħaxija:
id-dwal daqs dwal is-sema, u r-riħ fuqhom
setgħa m'għandux.

Ja Elettriċita'! meta mis-sema
tinżel f'sajjetta, la taħraqx l-imrieħel,
'mma fittex kalamita f'ras xi koppla
u mur fil-bir.